# IL-VERŻJONI MALTIJA TA'

# FENĊELĊEN

## IT-TFAJLA TA' XAGĦARHA TWIL

**Doris Vella Camilleri**

**Din Il-verzjoni Maltija nkitbet minn Bertha Ilg, Ġermaniza li għexet Malta bejn Il-1901 u l-1912. Inkitbet fl-istess żmien meta il-folklorista Ġiżwita Manuel Magri kien beda jiġbor il-ħrejjef minn fomm in-nies tal-irħula. Bertha Ilg kienet tinteressa ruħha mill-wirt tal-gżejjer tagħna u tgħallmet il-lingwa Maltija fi żmien qasir.**

Bertha Ilg twieldet fis-27 ta' Diċembru, tal-1881 fil-belt Ġermaniża ta' Obernzell fil-muniċipalità ta' Passau, fil-Bavarja. F'żgħożitha qattgħet xi snin f'Malta fejn zijuha kien il-Konslu Ġermaniż ta' dak iż-żmien. Aktar tard iggradwat bħala infermiera fil-Ġermanja, u żżewġet lit-tabib Rudolf Koessler. Ħadmet mal-professur Hans Stumme u f'Malta ħalliet kollezzjoni sabiħa ta' versi (għana) warajha, li llum qiegħda fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta. Mal-Ġiżwita Manwel Magri hi ġabret għadd ta' hrejjef folkloristici, iżda meta iżżewget lil Dr Rudolph Kessler, ħadha toqgħod San Martin de los Andes, l-Arġentina, u ħadet magħha iż-żewg volummi ta' stejjer li wara ġew ippubblikati minn G. Schonfeld, f'Leipzig, fis-sena 1906, bl-isem ta' *Maltesische Marchen und Schwanke*. Mill-Arġentina hi baqgħet tikkorrispondi ma' Ġuzé Cassar Pullicino li kien beda jinteressa ruħu fil-Folklor Malti. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha ġabret il-folklor tal-Indiġeni Sud-Amerikani msejħa *Mapuche*, u fl-Arġentina baqgħet imsemmija ħafna għal dan ix-xogħol. Iżda qalbha baqgħet dejjem miġbuda lejn Malta kif naraw mill-korrispondenza tagħha ma' Ġuzé Cassar Pullicino.

Jien kont fittixt il-verżjoni Maltija ta' din il-ħrafa li kitbet Bertha Ilg, u bl-għajnuna tal-Ambaxxata Ġermaniża f'Malta, akkwistajt kopja tal-ħrafa bil-Ġermaniż mill-ktieb ippubblikat fl-1906 li hemm fl-arkivji ta' Leipzig. Kont tlabt l-għajnuna ta' Ms. Marianne Azzopardi li qalbithieli għall-Malti.

Il-ħrafa ta' Felċelċen hi mibnija fuq l-istorja ta' dik it-tfajla ta' xagħarha twil li kienet ġa magħrufa mill-aħwa Grimm fil-Germanja. Imma hu fatt magħruf li l-aħwa Grimm, li kitbu fl-1812, kienu ibbażaw l-istorja tagħhom fuq kitba iżjed qadima tal-Franċiża Mademoiselle Charlotte-Rose de La Force, li xxandret fl-1698. Li mhux daqshekk magħruf hu l-fatt li l-ħrafa tixbaħ ħafna lil ħrafa oħra Persjana li xxandret fis-seklu Għaxra fil-poeżija *Shahnameh*, miktuba mill-poeta magħruf bħala **Il-Firdewsi**. Irid jingħad ukoll li x'aktarx li l-eqdem verżjoni Ewropea hi dik li tinsab fil-*Pentamerone,* pubblikazzjoni Taljana Naplitana ta' Giambattista Basile, li ħarġet fl-1634.[15] Fil-verżjoni Taljana, it-tifla jisimha *Petrosinella,* isem li l-etimoloġi jorbtuħ max-xitla tat-**tursin**.

Fl-1967, Ġużé Cassar Pullicino ħareġ il-ktieb *Stejjer Missierijietna*, li kien jiġbor fiħ ħrejjef u stejjer miġbura minn Pullicino nnifsu. Fost il-ħrejjef hemm dik ta' Torsina Torsinella li Pullicin jgħid li kien semagħha minn għand ommu.[16] Fil-verżjoni ta' Pullicino, isem it-tfajla hu marbut mat-tursin, bħal fil-verżjoni Taljana.

L-Aħwa Grimm ħolqu l-isem *Rapunzell,* u kkomponew il-versi "Rapunzel, Rapunzel dendel xagħrek biex nitla' miegħu" – versi li baqgħu magħrufa minn ħafna ġnus. L-etimoloġi m'humiex ċerti l-isem li ħolqu l-Aħwa Grimm ma' liema xitla hu marbut; imma jidher li l-għażla l-aktar li taqa' hu fuq il-*Campanula Rapunculus,* li bil-Malti tissejjaħ Kampanella. Fil-verżjoni Maltija ta' Bertha Ilg, l-isem tat-tifla hu



Fenċelċen, li ħafna jorbtuħ mix-xitla tal-**Bużbież**. Kemm il-kelma *fennel* bl-Ingliż, u kemm il-kelma *Finocchio* bit-Taljan huma ġejjin mil-kelma Latina *feniculum*.

L-istorja ta' De La Force inkitbet fi żmien meta n-nies kienu jħobbu ħafna l-emozzjoni fil-kitba tal-ħrejjef. Minħabba f'hekk Max Luthi, il-folklorista magħruf ta' żmienna, jgħid li l-verżjonijiet ta' De La Force u ta' Grimm ma jqishomx bħala xempju ta' kif għandha tkun il-ħrafa awtentika, għalkemm Grimm għamel mill-aħjar biex ifassal din il-ħrafa fuq ix-xempju tal-ħrafa Ġermaniża ta' żmienu.

Luthi jsostni li l-vera ħrafa awtentika ta' Rapunzel tnisslet fil-Mediterran. Fil-Greċja, is-saħħara jisimha Dracena u hi saħħara ħażina għall-aħħar għax hi kannibala. F'verżjoni oħra ta' Fenċelċen it-tifla jisimha *Petersichen* (isem marbut mat-**tursin**, eżatt bħal fil-verżjoni Taljana), u jfaħħar il-mod ta' kif dawn il-verżjonijiet huma miżgħuda b'żuffjett bla sens iżda li jsaħħar.

**© Doris Vella Camilleri**

Doris Vella Camilleri hi l-awtriċi tal-ktieb It-Tajjeb, il-Ħażin u l-Mirakuluż fil-Ħrejjef tal-Folklor.

---

[15] Ara **Rapunzel** fil-Wikipedia
[16] Ara l-introduzzjoni tal-ktieb Stejjer Missirijietna, ta' Ġuże Cassar Pullicino, Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1967